MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2294/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata**
**fid-drittijiet tal-assikurata taghha Galdes & Mamo Limited**
**(C 5628) sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Mario Spiteri (ID: 138459 M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' disa' mija u sittin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm960.17c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenut fl-ewwel lok qal illi qatt ma kkontesta l-htija tieghu ghall-incident in kwistjoni tant li hallas lis-socjeta’ attrici hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala *excess* liema somma giet accettata.

Fit-tieni lok qal li galadarba l-konvenut kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni huwa ma jistax jintalab jaghmel tajjeb ghad-danni.

Fit-tielet lok qal illi meta l-istess socjeta’ giet infurmata b’dan il-fatt qatt ma rrispondietu u ghaldaqstant m’ghandux ibati spejjez ta’ din il-procedura.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front To Rear Form* fejn Marcel Bonaci qal:

“Driver suddenly emerged from inner lane to avoid colliding with vehicle in front.”

Bhala hsara kellu fuq quddiem filwaqt li l-konvenut kellu hsara fuq wara u l-*mudguard*.

Ra x-xhieda ta’ Marcel Bonaci fejn jghid illi dak iz-zmien ta’ meta gara l-incident il-karozza tieghu kienet ma’ Galdes & Mamo.

Jispjega li hu kien ghaddej fuq l-*auto lane*. It-triq hija *one way* b’zewg lanes. Jghid li kien hemm zewg karozzi fuq l-*inner lane* meta hu kien ghadu fuq l-*auto lane*. Jghid illi meta wasal hdejn il-karozzi li kienu fuq l-*inner lane*, wahda minnhom harget ghal fuq il-lane tieghu minghajr sinjal. Hekk kif il-karozza tal-konvenut harget ghal-lane tieghu, habat mac-cint u bbrejkja f’daqqa quddiemu. Bonaci jghid li pprova jzomm il-brejk izda l-konvenut kien quddiemu ezatt u ghalhekk sar l-impatt.

Ra l-Affidavit ta’ Nazzareno Debattista li jahdem bhala Claims Manager mas-socjeta’ GasanMamo Insurance Limited fejn jikkonferma l-incident. Jikkonferma li l-vettura

tal-konvenut IAU 472 kienet registrata f'isem George Fenech.

Jghid illi f'kaz fejn isir bejgh ta' vettura, c-certifikat tal-polza ta' l-assigurat ma jistax jigi ttrasferit lix-xerrej il-gdid, izda trid issir polza gdida. Jikkonferma li ma kienetx saret polza gdida mill-konvenut qabel il-hin ta' l-incident u ghalhekk il-vettura tieghu ma kienetx kopertura ta' l-assigurazzjoni, la min-naha tas-socjeta' attrici u lanqas min-naha ta' xi kumpanija assigurattrici ohra.

Jikkonferma wkoll illi George Fenech kien mar ihallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala *excess* ta' dana l-incident izda dan l-ammont ghadu jinzamm f'*suspense account* peress li huwa ma jistax jiftah claim fuq incident li kien sehh wara li biegh il-vettura tieghu lill-konvenut.

Jghid illi ghalkemm baghtu Ittra Ufficjali lill-konvenut, dan qatt ma hallas.

Ra illi l-konvenut naqas milli jixhed f'din il-kawza.

Ra li x-xhieda tas-socjeta' attrici hija konvincenti. Il-konvenut ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghaliex il-konvenut kien qed isuq vettura li kienet assigurata f'isem George Fenech. Skond il-polza, l-istess polza ma tistax tigi ttrasferita lix-xerrej il-gdid. Il-konvenut kellu l-obbligu li jiehu hsieb li jkollu assigurazzjoni qabel ma jsuq il-karozza li xtara. L-*excess* thallas minn George Fenech u mhux mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut ihallas disa' mija u sittin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm960.17c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali tal-11 ta' Frar, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------